# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 9**

**Rikors numru 7/2012/1 MCH**

***Melita Limited* (C 12715) (ġà *Melita p.l.c.*) u *Melita Mobile Limited*; u b'dikriet tad-19 ta' Novembru 2014 *Melita Limited* (ġà *Melita p.l.c.*) assumiet l-atti minflok *Melita Mobile Limited***

***v.***

**Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur); u b'dikriet tas-17 ta' April 2013 l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tħalliet tintervjeni *in statu et terminis***

1. Dan huwa appell ta' *Melita Limited* ["*Melita*" jew "l-appellanti"] minn deċiżjoni tal-21 ta' Frar 2017 tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur ["it-Tribunal"] li ċaħad talba ta' *Melita* biex jitħassru żewġ deċiżjonijiet tal-11 ta' Ottubru 2012 li ngħataw kontra tagħha mid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) [id-"Direttur Ġenerali"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. F'materjal pubbliċtarju ta' *Melita* ntqal illi għal ħlas fiss il-konsumatur jista' jinqeda b'servizzi tagħha li jkunu "*unlimited*" u "bla mingħajr limiti". Lid-Direttur Ġenerali deherlu li dan kien prattika kummerċjali mhux ġusta u qarrieqa, bi ksur tal-artt. 51B, 51Ċ u 51D tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur ["Kap. 378"] għax is-servizzi ma kinux tassew bla limiti kif il-konsumatur ingħata x'jifhem.

3. Għalhekk b'żewġ deċiżjonijiet[1] tal-11 ta' Ottubru 2012 id-Direttur Ġenerali ħareġ ordni ta' tħaris taħt l-art. 94(1)(*b*) tal-Kap. 378 kif kien fis-seħħ fiż-żmien relevanti[2] u l-appellanti ngħatat żmien sal-11 ta' Novembru 2012 sabiex ma tkomplix b'din il-prattika, b'dan illi jekk tonqos teħel multa ta' ħamest elef euro (€5,000) u mija u għoxrin euro (€120) kull jum ta' nuqqas.

4. *Melita* ressqet appell quddiem it-Tribunal li iżda ċaħad l-appell għal raġunijiet li fissirhom hekk fid-deċiżjoni appellata:

> »Permezz tad-deċiżjonijiet id-DĠ ikkonluda li l-*Melita* aġixxiet bi ksur tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (l-"Att") permezz ta' prattici kummercjali mhux ġusti fejn il-kliem "*unlimited*" u "bla / mingħajr limiti" jagħtu l-istess messaġġ u indikazzjoni lill-konsumatur u *cioè* li ma hemmx limitu u ma hemmx kundizzjonijiet li jkunu ta' limitu, iżda fejn fil-verità hemm limitu impost mill-istess *Melita* bil-konsegwenza li tali prattiċi kummerċjali mhumiex ġusti a tenur tal-artikolu 51B tal-Att għaliex imorru kontra l-htiġijiet tad-diliġenza professjonali tal-*Melita* u

---

[1] Waħda kontra *Melita p.l.c.*, illum *Melita Ltd*, u l-oħra kontra *Melita Mobile Ltd*, illum assorbita f'*Melita Ltd*

[2] **94.** (1) Meta jkun hekk jaħseb li jkun raġonevolment adattat jew meħtieġ fl-interess pubbliku, id-Direttur jista', sew b'inizjattiva tiegħu nnifsu jew wara li ssirlu talba minn korp kwalifikanti, joħroġ ordni ta' tħaris –

… … …

(*b*) fejn jeħtieġ lil xi persuna involuta jew tipproponi li tinvolvi ruħha fi kwalunkwe prattika kummerċjali li mhux ġusta biex ma tkomplix għaddejja jew tieqaf minn dik il-prattika u, jew li tieħu kwalunkwe miżura speċifikata fl-ordni ta' tħaris, inkluża dikjarazzjoni korrettiva fiż-żmien speċifikat fih sabiex jiġi żgurat li d-disposizzjonijiet tat-Taqsima VII ta' dan l-Att jiġu osservati.

joħolqu distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tas-servizzi pprovduti, tal-konsumatur medju li jilħqu jew li lilu jkunu indirizzati dawn il-prattici kummerċjali, u dan permezz ta' azzjonijiet qarrieqa msemmija fl-artikolu 51D tal-Att, *ossia* li, filwaqt li l-prattiċi kummerċjali jindikaw servizzi mingħajr limiti, hemm limiti u dawn ma jinġibux immedjatament a konjizzjoni tal-konsumatur.

»In konsegwenza ta' tali konklużjoni, id-DĠ hareg ukoll ordni ta' tħaris fil-konfront tal-*Melita* a tenur tal-artikolu 94(1)(*b*) tal-Att sabiex tieqaf u ma tkomplix tuża l-kliem "*unlimited*" u "bla / mingħajr limiti" u fin-nuqqas ta' osservanza ta' tali ordni tiġi imposta multa ta' €5,000 u multa ta' €120 għal kull jum li fiha ma jiġix obdut l-ordni ta' tħaris.

»Permezz tal-appell tagħha l-*Melita* qed titlob ir-revoka tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-konklużjoni tad-DĠ li hemm ksur tal-Att u anke fir-rigward tal-ordni ta' tħaris u l-multa amministrattiva u dan in kwantu l-*Melita* ssostni in suċċint li sservizzi tagħha tal-internet, *fixed telephony* u *mobile telephony* kif reklamati huma tassew mingħajr limitu però l-aġir tal-konsumatur hu suġġett għal *acceptable usage policy* u klawsola ta' *fair usage policy* permezz ta' liema l-*Melita* jkollha l-jedd li trażżan l-użu tal-konsumatur jekk dan b'xi mod jabbuża mis-servizz u dan jaffettwa l-infrastruttura tal-*Melita* b'mod li jimpinġi fuq il-kwalità tas-servizz li jkun qiegħed jingħata lil konsumaturi oħra fuq tali infrastruttura.

»… … …

»Il-pern tal-kwistjoni in eżami jikkonċerna l-użu tal-kliem "*unlimited*" u "bla limitu" f'reklami tal-*Melita*, kemm fir-rigward tas-servizz ta' *fixed* u *mobile telephony* u anke fir-rigward tas-servizz tal-*internet*, fejn għal-kemm tali servizzi tal-*Melita* kienu gew reklamati appuntu bħala disponibbli mingħajr limiti fir-rigward tan-numru ta' telefonati u tad-*downloads*, jirriżulta li tali servizzi kienu fil-fatt limitati in kwantu l-*Melita* applikat *acceptable usage policy* u/jew *fair usage policy* permezz ta' liema, f'każijiet fejn il-konsumatur kien qiegħed jagħmel użu eċċessiv mis-servizz relattiv, il-*Melita* kienet, fil-każ tas-servizz tal-*internet*, tirriduċi l-veloċità tad-*download* għal tali konsumatur, filwaqt li fil-każ tat-telefonija kienet tippretendi ħlas mingħand l-istess konsumatur u dan kollu sabiex tiġi protetta n-*network* tal-*Melita* bl-iskop illi kon-sumaturi oħra ma jiġux preġudikati fl-użu tal-istess servizz.

»In sostenn tat-teżi tagħha li bil-kliem "*unlimited*" u "bla limitu" fir-reklamar flimkien mal-użu tal-*policies* imsemmija ma hemmx ksur tal-Att kif deċiż mid-DĠ, il-*Melita* ssostni li fir-realtà l-konsumaturi li jabbużaw mis-sistema, kif minnha msejha bħala 'atipiċi', huma ftit (anqas min 1%) u għalhekk prattikament il-klijenti kollha tagħha jgawdu minn tali servizzi mingħajr limiti; li tali reklamar bil-kliem u bil-*policies* in kwistjoni hu komuni ħafna madwar id-dinja f'din l-industrija; u li l-konsumaturi huma infurmati u konxji dwar tali *policies*.

»F'dan il-kuntest it-Tribunal jagħmel referenza għal dak deċiż mill-*Federal Court of Australia* fil-kaz fl-ismijiet Australian Competition and Consumer Commission *v* Singtel Optus Pty Limited (2011) FCA 87, deċiża fil-11 ta' Frar 2011:

> »"The word unlimited applied to a broadband service may be understood by an ordinary reasonable consumer to mean that there is no limit on the volume of data that may be accessed, or it may be understood to mean that speed of the service is not

> reduced during a specified period. Whether an advertisement is misleading depends on the context and features of the advertisement including the colouring, the size of the lettering, the speed of the speech on the soundtrack and such like. … The reason the four advertisements are misleading is that they describe the broadband service as unlimited without qualifying that description by stating both that the speed of the service is dethrottled to 256 kbps after a specified data allowance is reached and by stating the particular effects of that speed reduction on the functionality of the service.”

»It-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi tal-*Melita*. Jirriżulta li għalkemm ir-reklami jindikaw bi prominenza l-kliem “*unlimited*” u “bla limitu”, b’ferm anqas prominenza (f’ċertu każijiet b’tip ta’ font ferm żgħir u f’kantuniera tar-reklam) jingħad li termini u kundizzjonijiet japplikaw u f’ċertu reklami li hi applikabbli *acceptable usage policy*. Għalhekk m’huwiex minnu li sservizzi in kwistjoni huma fil-fatt “*unlimited* / bla limitu” meta l-*Melita* tapplika limiti suggettivi li permezz tagħhom tista’ tissospendi jew telimina s-servizz jew timponi żlas fuq il-konsumatur, kif fil-fatt għamlet u kif jirriżulta minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fejn gie nnutat mill-istess tribunal li “dak li jiġi reklamat u dak li huwa fil-kuntratt huwa kuntradittorju: jew għandek *unlimited usage*, jew għandek *fair usage policy*. Huwa fatt illi *unlimited calls* jattira persuna li jipprova jużahom mingħajr limitu u fin-naħa l-oħra ma tistax tillimitah u tgħidlu *fair usage*”. It-Tribunal japprezza l-iskop tal-*acceptable usage policy* u tal-*fair usage policy*, però l-*Melita* ma tistax tirreklama servizz bħala bla limitu meta fil-verità limitu jeżisti, irrilevanti kemm hu kbir jew żgħir jew kemm mill-klijenti huma fil-fatt milquta b’tali limitu, għalkemm lanqas ma rriżulta dak li jingħad mill-*Melita* fl-appell tagħha li l-konsumaturi atipiċi huma anqas minn 1%. Issir referenza għall-analoġija msemmija fl-*advisory opinion* maħruġa mill-*Office for Competition* fid-Dipartiment tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Filippini, ċitata fin-nota ta’ sottomissjonijiet tad-DĠ, fejn intqal “*unlimited data is like unlimited rice or buffet concept – restaurants cannot offer an ‘eat all you can’ promo and, when a customer eats more than the average person, to actually stop him or not to honour the commitment*”, jew li l-klijent jigi mitlub iħallas għal dak li r-*restaurant* jidhirlu li ttiekel aktar minn dak li jittiekel fil-medja.

»Għalhekk jirriżulta li l-*Melita* aġixxiet bi ksur tal-Att kif indikat fid-deċiżjonijiet u kwindi dan l-aggravju tal-*Melita* għandu jigi miċħud.

»Il-*Melita* ressqet ukoll aggravju fis-sens li d-DĠ aġixxa bi ksur tal-proċedura fl-investigazzjoni tiegħu in kwantu allegatament kien ġà kkonkluda li l-*Melita* hi ħatja ta’ ksur qabel ma sema’ s-sottomissjonijiet tagħha u li ma indikax liema kienu dawk il-prattiċi kummerċjali bi ksur tal-Att u kif dawn jiksru l-istess Att. It-Tribunal iqis li dan l-aggravju hu wiehed fieragħ. Mill-provi prodotti tirriżulta korrispondenza bejn l-*MCA* u l-*Melita* qabel ma ngħataw id-deċiżjonijiet fejn il-prattiċi in kwistjoni ġew indikati b’mod ċar, tant li l-*Melita* rrispondiet għall-istess korrispondenza fuq il-mertu tal-istess kwistjoni mingħajr ebda diffikultà fir-rigward tan-natura tat-talbiet tal-*MCA* u għalhekk jidher li l-*Melita* fehmet sew dak kontenut fl-ittra tal-*MCA*. Fil-fatt, il-*Melita* esebiet hi stess in atti r-reklami kontententi l-kliem in kwistjoni, li *del resto* huma tagħha u għalhekk ma tistax targumenta li ma tafx liema huma dawk ir-reklami tagħha li jinkludu l-kelma “*unlimited*” jew “bla / mingħajr

limitu". JirriŻulta wkoll li l-*Melita* ddefendiet ruħha b'mod komprensiv fir-rigward tal-mertu tul il-proċeduri odjerni.

»Jirriżulta wkoll li mal-ħruġ tal-avviżi ta' investigazzjoni *da parte* tad-DĠ filkonfront tal-*Melita* ġie indikat b'mod ċar li l-investigazzjoni kienet qed issir fir-rigward tal-istess mertu tal-korrispondenza preċedenti u *cioè* relattivament għal dawk il-prattiċi kummerċjali li permezz tagħhom il-*Melita* kienet qed tagħmel użu tal-kelma "*unlimited*", u *inoltre* l-*Melita* ġiet avżata li kellha ħmistax-il ġurnata sabiex tressaq is-sotto-missjonijiet tagħha. Ma jirriżultax li d-DĠ wasal għall-konklużjonijiet tiegħu qabel ma ħa konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-*Melita*, kif minnha allegat.

»Għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

»Dan it-Tribunal għalhekk qiegħed jiċħad it-talbiet tal-*Melita* għar-revoka tad-deċiżjonijiet u konsegwentement jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjonijiet tad-DĠ tal-11 ta' Ottubru 2012 fl-intier tagħhom.«

5. *Melita* appellat b'rikors tat-8 ta' Marzu 2017 u talbet illi l-qorti "tħassar … id-deċiżjoni tat-Tribunal u, konsegwentement, tirrevoka wkoll id-deċiżjoni-jiet tad-Direttur Ġenerali jew, f'kaz li ssib li l-*Melita* kisret id-dispożizz-jonijiet tal-Kap. 378, tvarja d-deċiżjoni tat-Tribunal u, konsegwentement, tvarja d-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali fir-rigward tal-penali".

6. L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni wieġbet fit-23 ta' Marzu 2017 u d-Direttur Ġenerali wieġeb fis-27 ta' Marzu 2017.

7. L-ewwel aggravju, li *Melita* tgħid illi b'mod ġenerali huwa msejjes fuq "nuqqas ta' ġustizzja u ekwità", ġie mfisser hekk:

»Skond l-artikolu 1 tat-tieni skeda tal-Kap. 510, "It-Tribunal tal-Appell għandu jiddeċiedi kull kwistjoni quddiemu b'ġustizzia u imporzjalità u skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Att dwar il-Kompetizzjoni, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħthom". Il-Kap. 378 jeħtieg li appell mid-deċiżjoniiiet tat-Tribunal jista' jsir lii din l-onorabbli qorti fuq punti ta' liġi jew punti ta' ġustizzja naturali.

»Sabiex ġudikant ikun jista' jasal għall-ġustizz]a fid-*decide* tiegħu, huwa għandu jkun f'qagħda li jeżamina kull punt ta' natura fattwali u legali rilevanti għall-każ ippreżentat, … … …

»… … …

»Għalkemm it-Tribunal jindika fil-bidu tas-sentenza appellata li "Ra l-provi kollha mressqa mill-partijiet", jidher li naqas milli jikkunsidra l-

provi prodotti mill-*Melita* fl-appell tagħha. Dan qiegħed jingħad għas-segwenti raġunijiet:

»Nuqqas ta' konsiderazzjoni ta' provi: il-kwistjoni dwar il-*fair usage policy*

»Il-*Melita* appellat mid-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali wara li kien hemm diverġenzi bejn il-partijiet dwar l-użu ta' *fair usage policy* fir-rigward ta' prodotti offruti mill-*Melita* li kienu rreklamati bħala '*unlimited'*.

»Fis-sentenza t-Tribunal jaqbel mal-posizzjonl tad-Direttur Ġenerali u jikkwota estensivament il-provi prodotti mid-Direttur Ġenerali fir-rigward ta' dan il-punt. It-Tribunal jgħid li "japprezza l-iskop ta' *acceptable usage policy* u tal-*fair usage policy*. Però l-*Melita* ma tistax tirreklama servizz bħala bla limitu meta fil-verità limitu jeżisti, irrilevanti kemm hu kbir jew żgħir jew kemm mill-klijenti huma fil-fatt milquta b'tali limltu".

»Bir-rispett kollu, meta jikkonkludi li hemm 'limitu' permezz ta' *fair* / *acceptable usage policy*, it-Tribunal jidher li ma kkunsidrax l-ispjegazzjonijiet u l-provi prodotti mill-*Melita* in sostenn ta' kif tapplika f*air* / *acceptable usage policy* fir-rigward tas-servizzi tattelekomu-nikazzjoni (ukoll dawk irreklamati bhala "*unlimited*"). Partikolarment, it-Tribunal fl-ebda parti tas-sentenza ma jikkunsidra l-opinjoni tax-xhud John Gunnigan bħala espert fil-qasam tal-telekomunikazzjoni, dwar kif jahdem ir-reklamar tal-operaturi mhux biss fl-Ewropa izda inter-nazzjonalment.

»Ix-xiehda ta' Ludolf Rasterhoff tispjega, biċ-ċar li *fair / acceptable usage policy* ma jistgħux jitqiesu bħala xi limitu impost fuq is-servizzi. *Fair* / *acceptable usage policy* hija mezz li bih operaturi jassiguraw li s-servizzi kollha (reklamati bħala "*unlimited*" jew le) fuq l-infrastruttura tagħhom, partikolarment fuq in-*network* tagħhom, ma jiġux imxekkla minn konsumaturi li jabbużaw mill-għotja ta' dawn is-servizzi.

»Li kieku l-*Melita* ma tapplikax *fair* / *acceptable usage policy* sabiex tassigura aċċess għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, ta' kwalità u livell adegwat lil kull abbonat tagħha, ikun mhux biss aġir irresponsabbli da parti tagħha, iżda saħansitra aġir illegali, li jmur kontra l-obbligi imposti fuqha taħt il-liġijiet tal-komunikazzjoni elettronika

»Il-*Melita* bl-ebda mod ma tittenta taħbi lill-konsumaturi tagħha li din tapplika din il-*fair* / *acceptable usage policy* fil-konfront tagħhom, kif jgħid erronjament id-Direttur Ġenerali. Anzi, huwa proprju fl-interess tal-kumpannija li tavża u turi bl-aktar mod ċar li, fl-eventwalità ta' abbuż minn konsumatur ta' servizz pprovdut, il-*Melita* tista' tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tipproteġi l-infrastruttra tagħha, għall-bene-fiċċju tal-abbonati kollha.

»Kif jirriżulta mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal, il-prassi addottata mill-*Melita* fl-applikabbilità ta' terminazzjoni jew sospensjoni ta' servizz permezz ta' *acceptable* / *fair usage policy* issir biss meta jkun hemm uzu "eċċessiv" – abbonat atipiku – li jkun qed jabbuża mis-servizzi tal-*Melita*, b'mod li dan jissarraf f'detriment għall-abbonati l-oħra. Abbonati li jagħmlu użu eċċessiv huma, fl-ewwel lok, avżati sabiex jimmoderaw dak l-użu, filwaqt li l-miżura tas-sospensjoni u/jew termin-

azzjoni tas-servizz tintuza biss mill-*Melita* bhala *last resort*, fejn l-abbonati jippersistu bl-aġir abbużiv tagħhom.

»Iżda fuq kollox, it-Tribunal naqas milli jikkunsidra u in fatti ma għamel l-ebda referenza għas-sejbiet tal-espert *ex parte* John Gunnigan fil-kamp tat-telekomunikazzjoni. Ix-xhud jikkonkludi fil-qosor li:

»i. Fir-rigward ta' użu tal-kliem "*unlimited*" relatat mar-reklamar tas-servizzi tal-*Melita* jidher li huwa raġonevoli;

»ii. Wara li analizza l-użu fi swieq oħrajn, ikkonkluda li din hija prassi normali, użata b'mod estensiv minn operturi oħrajn partikolarment dawk fl-Ingiltera, l-Irlanda, l-Italja, fl-Awstralja u *New Zealand*, u li japplikaw ukoll *fair / acceptable usage policies* għall-provvediment [*sic*] tas-servizzi tagħhom, anki dawk reklamati bħala "*unlimited*"; u

»iii Jikkonkludi, b'referenza għal-awtoritajiet barranin fis-suq tat-telekomunikazzjoni, u jindika li r-reklamar tal-*Melita* tas-servizzi "*unlimited*" u l-użu *fair / acceptable usage policies* jidher li huwa konformi mar-rekwiżiti ta' dawn l-awtoritajiet.

»Li kieku t-Tribunal ikkunsidra dawn il-fatti, kien jasal għal konklużjoni ferm differenti dwar *fair / acceptable usage policy*.

»Però jingħad ukoll li l-użu tal-kelma "*unlimited*" fir-reklamar għal prodotti soġġetti għal *fair / acceptable usage policy* kienet u għadha qed issir sal-lum minn operaturi oħrajn lokali fil-kamp tat-telekomunikazzjoni, saħansitra dawk li fir-rigward tagħhorn id-Direttur Ġenerali kien ħareġ ordni ta' tħaris fl-2012.

»It-Tribunal naqas milli jikkunsidra u jirreferi għall-provi li juru li saħansitra l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (*MCA*) taċċetta li jkun hemm *fair usage policy* fir-rigward ta' servizzi ta' operatur; li ma taċċettax l-*MCA* huwa li *fair usage policy* ma tiġix applikata b'mod ġust fis-sens li jkun hemm *usage limits* li, jekk jinqabzu minn konsumatur, dan ikun soġġett għal *extra charges* jew jinqatalu s-servizz.

»Addizzjonalment, meta jasal għall-konklużjoni li *fair / acceptable usage policy* hija 'limitu', it-Tribunal jistrieħ fuq is-segwenti dokumenti li saret referenza għalihom mid-Direttur Ġenerali:

»i. dak deċiż mill-*Federal Court of Australia* f'każ Awstraljan;

»ii. l-*advisory opinion* maħruġa mill-*Office for Competition* tar-Repubblika tal-Filippini.

»Qabel xejn dawn id-dokumenti jirreferu għal-ċirkustanzi differenti mill-każ in kwistjoni u huma ukoll każijiet li, bir-rispett kollu, wieħed ma għandux jorbot biss mas-sustanza tagħhom ġaladarba jmorru 'l bogħod mir-realtajiet u l-prassi li tinsab fl-Unjoni Ewropea u lokalment. In fatti, ħlief għal dawn il-każijiet, ma saritx prova waħda (ħlief għal dik ta' John Gunnigan) da parti tad-Direttur Ġenerali dwar kif awtoritajiet oħrajn fl-Unjoni Ewropea jittrattaw din il-kwistjoni.

»It-Tribunal jistrieħ ukoll fuq sentenza tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur. Bir-rispett kollu, il-każijiet li jinstemgħu quddiem dan it-tribunal huma dawk ta' valur ta' inqas minn €3,500, u li ma jirrikjedux l-istess livell ta' prova u analiżi bħall-każ li kellu quddiemu t-Tribunal li fl-aħħar mill-aħħar kien ser ikollu impatt fuq l-industrija kollha. It-Tribunal

ma kellux jistrieħ biss, fuq dan id-dettami, a skans tal-provi kollha miġjuba mill-*Melita* fir-rigward ta' reklamar "*unlimited*" u l-uzu ta' *acceptable* / *fair usage policy*.

»Ma kienx hemm ksur fl-aġir tal-*Melita*

»Is-soċjetà *Melita* issottomettiet ukoll quddiem it-Tribunal li ma hemmx ksur fl-aġir tagħha, bil-kontra ta' dak li ġie allegat mid-Direttur Ġenerali fid-deċiżjonijiet appellati.

»A skans ta' kjarifika mid-Direttur Ġenerali ta' liema kienu dawn il-prattiċi kummerċjali mhux ġusti li saret referenza għalihom fid-deċiżjonijiet appellati, il-*Melita* ikkunsidrat il-possibilità li dak li kien qed jirreferi għalih id-Direttur Ġenerali kien ir-reklamar u l-offerti tas-servizzi bil-kliem "*unlimited*" li kienu qed jingħataw lil abbonati mill-*Melita* fiż-żmien meta kienu ħarġu l-avviżi ta' proċeduri f'Lulju 2012 u *cioè* meta d-Direttur Ġenerali ħabbar li ser jinvestiga l-aġir fis-suq.

»Dawn it-tariffi kienu dik tal-*1000 minutes* (telefonija) u fir-rigward tal-*internet Melita* kienet tapplika *download thresholds for fibre powered internet packages* ta' 15 *Mbps* - 100 *GB/month*; 25 *Mbps* - 250 *GB/month*; 50 *Mbps* – 450 *GB/month*; 100 *Mbps* – 800 *GB/month* kif jidhru fil-korrispondenza bejn il-*Melita* u l-*MCA*. It-Tribunal naqas milli jikkunsidra li dawn il-prodotti kienu qed jigu reklamati mill-*Melita* bħala "*unlimited*" ferm qabel (fl-2010) id-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-2012.

»It-Tariffa tal-1000 minuta ma setgħetx twassal għall-konklużjonijiet ta' ksur tad-Direttur Ġenerali, *in vista* tal-fatt li din it-tariffa ma kinitx irreklamata lill-konsumaturi fl-2012. Ir-reklamar ta' din it-tariffa kien twaqqaf għall-ħabta tal-2010.

»Fir-rigward tas-servizz tal-*internet*, it-Tribunal naqas ukoll li jik-kumenta jew jikkunsidra li *nonostante* d-*download thresholds* ta' 15 *Mbps* - 100 *GB/month*; 25 *Mbps* - 250 *GB/month*; 50 *Mbps* – 450 *GB/month*; 100 *Mbps* – 800 *GB/month*, dawn ma kienux *caps* jew limiti fuq is-servizz li kien jiġi rreklamat bħala "*unlimited*". Dan huwa kkonfermat in atti mix-xhud Ludolf Rasterhoff, li spjega li dawn it-*thresholds* kienu jingħataw lill-abbonati sabiex jindikaw li dak iż-żmien ċertu użu seta' jkollu impatt fuq is-servizz. Il-miżura li kienet tieħu l-*Melita* f'dan il-każ kien li titnaqqas il-veloċità tas-servizz, però l-abbonat li kien jaqbeż dawn it-*thresholds* ma kienx iħallas iktar għal dak is-servizz u, fuq kollox, is-servizz ma kienx jinqata' jew jieqaf. Fi kliem ieħor, id-*downloads* kienu jibqgħu "*unlimited*" għaliex xorta kien jibqa' għaddej.

»Għaldaqstant, jekk wieħed kellu jikkunsidra dawn il-prodotti, fi żmien tad-deċiżjonijiet appellati l-*Melita* kienet konformi għaliex ma kenitx timponi limiti fuq il-prodotti tagħha, bħal ma jallega d-Direttur Ġenerali. Fix-xiehda tagħhom John Gunnigan u Ludolf Rasterhoff it-tnejn jikkonfermaw li s-servizzi offruti mill-Melita u rrkelamati bhala "*unlimited*" kienu "*truly unlimited*". It-Tribunal ma jidhrix li kkunsidra dawn il-provi.

»Ksur ta' proċedura mid-Direttur Ġenerali

»Il-*Melita* spjegat lit-Tribunal kif kien hemm ksur ta' proċedura mid-Direttur General meta huwa wasal għad-deċiżjonijiet tiegħu, u dan abbażi ta' dawn l-avvenimenti:

»i. id-Direttur Ġenerali kien diġà ikkonkluda li l-*Melita* kienet ħatja ta' ksur billi rrikjeda l-konformità volontarja qabel ma sema' s-sottomissjonijiet tagħha; u

»ii. il-lingwaġġ li juża d-Direttur Ġenerali fejn jikkontendi li hemm ksur da parti tal-*Melita* huwa generiku għall-aħħar, u fir-rigward tal-artikoli 51Ċ u 51D ma jidentifikax liema disposizzjonijiet tal-liġi qed jirreferi għalihom.

»Il-proċedura li biha mexa d-Direttur Ġenerali huwa punt kruċjali li t-Tribunal kellu jqis, anki *tramite* l-provi, sabiex jiddetermina jekk id-Direttur Ġenerali mexiex fil-parametri tal-liġi meta ħa l-miżuri tiegħu fil-konfront tal-*Melita*.

»F'dan ir-rigward, it-Tribunal jgħid sempliċement li l-*Melita* kienet taf x'kienu dawk il-prattiċi kummerċjali mhux ġusti għaliex dawn ġew indikati fil-korrispondenza li ġiet ippreżentata bejn il-*Melita* u l-*MCA*. F'dan ir-rigward it-Tribunal naqas milli jikkunsidra li l-kwistjonijiet li kienu qed jiġu diskussi bejn il-*Melita* u l-*MCA* kienu dwar prodotti li kienu qed jiġu reklamati mill-*Melita* bħala "*unlimited*" ferm qabel (fl-2010) id-deċiżjonljtet tad-Direttur Ġenerali tal-2012. Il-prodotti li kienet qed tirreklama l-*Melita* għall-ħabta tal-2012 kienu "*truly unlimited*".

»Għaldaqstant kien ikun xieraq li d-Direttur Ġenerali jindika liema kienu dawn ir-reklarni, u x'kienu il-prattiċi kummerċjali mhux ġusti mill-Melita (skont il-Kap 378 li jelenka lista twila ta' tali prattiċi), anki skont ir-rekwiżiti tal-artikolu 14A(1) tal-Kap 378 li:

> »"Mal-bidu tal-investigazzjonijiet skont l-artikolu 12A li jikkonċerna allegat ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmula taħtu, id-Dlrettur Ġenerali għandu/ha jikteb/tikteb lill-persuna investigata u jinfurmaha/tinfurmaha bin-natura tal-allegat ksur ..."

»Mingħajr indikazzjoni ċara mid-Direttur Ġenerali ta' dak li ried ifisser bil-ksur allegat, is-soċjetà *Melita* qatt ma ngħatat l-opportunità li tiddefendi ruħha b'mod effettiv fir-rigward tal-allegazjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront tagħha, lanqas quddiem irTribunal. Dan wassal sabiex is-sottomissjonijiet tal-*Melita*, in segwitu tal-avviż ta' proċeduri kontrieha mid-Direttur Ġenerali, saru pjuttost bl-għama, fejn is-soċjetà *Melita* uriet, bl-aħjar mod li setgħet, li s-servizzi tagħha li kienu qed jiġu offruti bil-kliem "*unlimited*" dak iż-żmien kienu, effettivament, mingħajr limitu għall-konsumatur.

»Multi mhux dovuti

»Id-Direttur Ġenerali qies li kien hemm ksur da parti tal-*Melita* tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u impona multa, fir-rigward ta' kull waħda mid-deċiżjonijiet appellati, ta' €5000 u multa ta' €120 għal kull gurnata li fiha ma jiġix obdut l-ordni ta' tħaris tad-Direttur Ġenerali.

»Is-soċjetà *Melita* argumentat li ġaladarba m'hemmx ksur tal-Kap. 378 da parti tal-*Melita*, id-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali kellhom jiġu revokati, u, per konsegwenza, ma għandhomx jiġu imposti dawn il-multi.

»Il-*Melita* ma taqbilx li l-multi li japplikataw bil-ġurnata bdew jiddekorru mid-data tad-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali. Dawn il-penalti ma huwmiex dovuti sal-lum għaliex il-*Melita* ma kinitx qed tirreklama l-prodotti (dawk tal-1000 minuta u l-*internet)* li l-*MCA* kienu ilmetaw

> dwarhom. Fir-rigward ta' dawn il-multi, it-Tribunal ma għamel l-ebda konsiderazzjoni ħlief li kkonferma d-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali fl-intier tagħhom.«

8. Il-kwistjoni f'din il-kawża essenzjalment hija sempliċissima: huwa qarrieqi reklam illi jgħidlek b'tipa li ġibed l-attenzjoni illi servizz huwa bla limitu meta fil-fatt ma huwiex bla limitu? It-tweġiba hija daqstent ieħor ovvja: iva, huwa reklam li jqarraq. Il-kwistjoni ma hijiex jekk hijiex xierqa, ġustifikata, meħtieġa, essenzjali jew vitali dik li min jagħti s-servizz iqis bħala *fair usage policy*, jew kemm esperti huma tal-fehma illi l-appellanti tapplika dik il-*policy* b'għaqal u rażan. Dan kollu irrelevanti; il-kwistjoni hija jekk b'applikazzjoni ta' dik il-*policy* jistax jiġri li s-servizz reklamat bħala bla limiti fil-fatt ma jkunx bla limiti. Ċertament jista' min jagħti s-servizz japplika *fair usage policy* illi timponi limiti fl-użu iżda biex jagħmel hekk ma jistax f'istess waqt jirreklama s-servizz bħala wieħed bla limiti, għax b'hekk ikun qiegħed iqarraq. Il-fatt li ħaddieħor hekk jagħmel ifisser biss li ħaddieħor ukoll fittex li jqarraq, u l-abbuż jagħmlu min iqarraq u mhux min ifittex li jinqeda bis-servizz bla limiti mwiegħed lilu. Ironiku l-kumment fir-rikors tal-appell illi "huwa proprju fl-interess tal-kumpannija li tavża u turi bl-aktar mod ċar li, fl-eventwalità ta' abbuż minn konsumatur ta' servizz ipprovdut, il-*Melita* tista' tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tipproteġi l-infrastruttra tagħha" meta dak li juri bl-aktar mod ċar ir-reklam huwa li s-servizz huwa "*unlimited*", għax huwa dak li jiġbed lill-konsumatur!

9. Huwa ovvju għalhekk illi l-argumenti mressqa minn *Melita* f'dan l-aggravju ma humiex ħlief bżar fl-għajnejn għax ma hu minnu xejn illi t-Tribunal naqas milli jqis "kull punt ta' natura fattwali … relevanti għall-każ"; li għamel it-Tribunal hu li skarta argumenti msejsa fuq fatti irrelevanti.

10. L-appellanti tgħid ukoll illi "l-każ li kellu quddiemu t-Tribunal … fl-aħħar mill-aħħar kien ser ikollu mpatt fuq l-industrija kollha". Dan ma hu minnu xejn; id-deċiżjoni tat-Tribunal ma tgħidx li min jagħti servizz bħal dak li tagħti l-appellanti ma jistax jimplimenta u japplika *fair usage policy*; li tgħid id-deċiżjoni hu illi biex tapplika *policy* bħal dik ma tistax tirreklama s-servizz tiegħek bħala "bla limitu" għax jekk tagħmel hekk tkun qiegħed tqarraq bil-konsumatur.

11. Għandu jingħad ukoll illi hija kapzjuża l-osservazzjoni tal-appellanti illi hija meħtieġa "kjarifika mid-Direttur Ġenerali ta' liema kienu dawn il-prattiċi kummerċjali mhux ġusti li saret referenza għalihom fid-deċiżjonijiet appell-ati". Kif sewwa josserva t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, huwa magħruf sewwa mill-appellanti illi l-"prattiċi kummerċjali mhux ġusti" li dwarhom ittieħdu l-passi mid-Direttur Ġenerali huma r-reklami tagħha li jwiegħdu servizz bla limiti meta dak is-servizz ma kienx tassew bla limiti.

12. Dwar l-argument illi d-Direttur Ġenerali effettivament ippreġudika l-każ meta fis-16 ta' Lulju 2012 għarrafha li qiegħed jistħarreġ il-każ u stedinha għal "konformità volontarja", il-qorti tosserva illi l-art. 14B[3] tal-Kap. 378 kif kien fiż-żmien relevanti kien jagħti lid-Direttur Ġenerali s-setgħa li jordna "miżuri intermedji … qabel ma tintlaħaq deċiżjoni finali"; iżjed u iżjed mela seta' bla ma jkisser il-liġi jistieden "konformità volontarja" biex inaqqas il-perikolu illi jingidmu aktar konsumaturi.

[3] **14B**. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu14A, f'każijiet ta' urġenza minħabba r-riskju ta' ħsara immedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi, id-Direttur Ġenerali jista'/tista', qabel il-konklużjoni tal-investigazzjoni, fuq il-bażi ta' sejbiet *prima facie* ta' ksur, jordna/tordna miżuri intermedji sabiex jirrimedja/tirrimedja s-sitwazzjoni qabel ma tintlaħaq deċiżjoni finali, u jagħti/tagħti r-raġunijiet tiegħu/tagħha.

13. Fil-fehma tal-qorti għalhekk ma kien hemm xejn bi ksur tal-liġi jew tal-ġustizzja naturali fid-deċiżjoni tat-Tribunal; anzi l-qorti tqis l-aggravju tal-appellanti bħala fieragħ fiċ-ċirkostanzi.

14. It-tieni aggravju huwa dwar "dewmien fis-smigħ tal-appell", u ġie mfisser hekk:

> »L-artikolu 110E Kap 378 huwa ċar. Dan jgħid li:
>
> > »"It-Tribunal tal-Appell għandu jipprova jiddeċiedi appell fi żmien sittin ġumata minn meta jgħaddi l-perjodu li minnu d-Direttur Ġenerali jista'/tista' jippreżenta/tippreżenta risposta għall-appell imsemmi aktar 'il fuq u f'kull każ għandu jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu mhux aktar tard minn tletin ġurnata minn meta l-partijiet jiddikjaraw li kkonkludew il-provi u għamlu s-sottomissjonijiet finali."
>
> »Wieħed jifhem li t-terminu ta' sittin ġurnata seta' ma kienx raġonevoli sabiex jinstemgħu l-provi kollha tal-appell quddiem it-Tribunal. Minn banda l-oħra, dan il-każ ħa iktar minn erba' snin sabiex jinstema' u jiġi deċiż, bi preġudizzju għall-*Melita*.
>
> »In fatti, it-Tribunal sema' u ddeċieda l-proċeduri b'dan ii-mod:
>
> »i. fis-26.10.2012 il-*Melita* intavolat ir-rikors tal-appell quddiem it-Tribunal;
>
> »ii. fit-13.12.2012 id-Direttur Ġenerali daħħal lr-risposta tlegħu;
>
> »iii. il-*Melita* bdiet il-provi tagħha fl-20.03.2013. Fil-frattempt, skont il-verbal tat-23.10.2013 u dak tas-27.11.2013, it-Tribunal iddiffer-ixxa s-smigħ darbtejn minħabba l-kornposizzjonl tat-Tribunal; il-proċedura ittawlet meta l-*MCA* talbet li tintervjeni; fid-29.01.2014 il-partijiet talbu differiment għal possibbli transazzjoni; fl-24.03.2014 ix-xhud tal-*MCA*, Celia Falzon, talbet differiment; fil-19.11.2014 ix-xhud Godwin Mangion, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali, talab differiment;
>
> »iv. *Melita* għalqet il-provi tagħha fis-27.01.2015;
>
> »v. fid-09.02.2016 id-Direttur Ġenerali u l-*MCA* għalqu l-provi tagħhom;
>
> »vi. kien biss fid-09.02.2016 li t-Tribunal ħalla d-deċiżjonl għas-sentenza;
>
> »vii. it-Tribunal iddiferixxa s-sentenza, li ngħatat fil-21.02.2017.
>
> »Għaldaqstant, iż-żmien li ħa t-Tribunal sabiex jisma' u jiddeċiedi l-appell ma kienx wieħed raġonevoli f'dan il-każ, partikolarment *in vista* tal-fatt li kien hemm ii-multi ta' €120 kuljum li kienu qed jiddekorru fid-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali. Dan ifisser li jekk, *dato ma non ċonċesso*, il-multi huma dovuti, meta wieħed jikkalkula dik il-figura wara iktar minn erba' snin, jasal għal ammonti sproporzjonall ta' penali amministrattivi li huma dovut mill-*Melita*, u għal raġunijiet evidenti, ma

> kellhomx jiġu kkonfermati għall-erba' snin. Dan kollu qatt ma ġie kkunsidrat mit-Tribunal.«

15. Li ma tgħidx l-appellanti hu illi s-sottomissjonijiet finali saru fit-8 ta' Ġunju 2016, meta ġiet preżentata l-aħħar nota ta' sottomissjonijiet. hu relevanti hu illi l-provi ngħalqu fid-9 ta' Frar 2016 u għalhekk id-deċiżjoni kellha tingħata sat-8 ta' Lulju 2016; minflok, ingħatat fil-21 ta' Frar 2017, mitejn u tmienja u għoxrin (228) jum tard.

16. Għalkemm huwa minnu illi f'dan il-każ pjuttost ovvju kienet tkun aktar għaqlija *Melita* li kieku laqgħet l-istedina li saritilha għal "konformità volontarja", madankollu t-termini li trid il-liġi għandhom jitħarsu, u għalhekk huwa xieraq illi għall-mitejn u tmienja u għoxrin (228) jum dewmien sakemm ingħatat id-deċiżjoni, il-multa ta' kuljum imposta fuq *Melita* tiġi sospiża.

17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma d-deċiżjoni appellata billi tordna illi l-multa ta' kuljum imposta fuq *Melita* fil-każ li din ma qagħditx għall-avviżi ta' tħaris maħruġa mid-Direttur Ġenerali tiġi sospiża għaż-żmien bejn it-8 ta' Lulju 2016 u l-21 ta' Frar 2017; tikkonferma d-deċiżjoni fil-bqija.

18. L-ispejjeż tal-appell – ħlief dawk tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni intervenuta fil-kawża, li għandha tħallas l-ispejjeż tagħha – tħallashom *Melita*.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr